**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2018**

Kawza Numru: 6/2018MS

Mark Grima pro et noe

vs

All Seasons Holidays Limited

It-Tribunal

Ra' l-avviz tal-attur ipprezentat fis-7 ta Frar 2018 fejn talab lis-socjeta' konvenuta tkun ikundannata thallas l-ammont ta' tlett elef disa' mija u hamsa u disghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€3995.84), rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata.

Ra' illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata fid-9 ta' Frar 2018.

Ra' l-verbal tat-22 ta' Marzu 2018 fejn l-attur talab ghal kjamat fil-kawza tal-avukat Dr. Andrew Borg Cardona bhala likwidatur tas-socjeta' konvenuta.

Ra' illi Dr. Sciortino ghas-socjeta' konvenuta iddikjara illi wara n-notifika ta' Dr. Andrew Borg Cardona jkun f'posizzjoni li jirregistra ammissjoni.

Ra' illi t-Tribunal ordna il-kjamat fil-kawza ta' Dr. Andrew Borg Cardona.

Ra' illi l-kjamat fil-kawza gie notifkat fis-26 ta Marzu 2018.

Ra' illi minkejja l-verbal precedenti, s-socjeta' konvenuta la ammetiet il-kawza u l-anqas ma gew prezentati eccezzjonijiet.

Sema' x-xhieda ta' Mark Grima bil-gurament fejn ikkonferma illi l-ammont kollu indikat fl-avviz ghadu dovut fl-intier tieghu.

Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta konvenuta u peress illi l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu, tilqa' l-istess u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur l-ammont indikat ta' tlett elef, disa mija u hamsa u disghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€3995.84), rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata. Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 58/2016 kontra s-socjeta' konvenuta.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*